MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 191/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andrew James Bernard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Andrew James Bernard talli fit-8 ta' Settembru 2009 ghall-habta ta' 5.30 a.m., fi Triq Sant'Andru, Swieqi, waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjobni DRU-089:

(1) saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;
(2) saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;
(2) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura bin-numru tar-

registrazzjoni ALC-010 u kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alan Curry skond ma' ccertifika Dr. J. Joslin M.D. c/o Mater Dei Hospital

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Andrew James Bernard jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' April 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Andrew James Bernard hati ta' l-ewwel imputazzjoni, ikkundannatu multa ta' sitt mitt euro (€600.00) u ssospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal zmien tmint ijiem, filwaqt illi ma sabitux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Andrew James Bernardipprezentat fl-4 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberatu mit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tirrevoka s-sejbien ta' htija taht l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha u minn kull htija skond il-ligi, u fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija taht l-ewwel imputazzjoni tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra anqas skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li r-reat kontemplat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijet ta' Malta huwa delitt u ghalhekk il-prosekuzzjoni trid tipprova l-element intenzjonali u dak materjali. F'dar-rigward il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-intenzjoni; (2) li s-sunt tal-provi tal-prosekuzzjoni ma jirriflettix il-provi

mismugha. La Alan Curry u lanqas l-appellant ma qalu li dak il-hin kienet ghadha niezla x-xita jew traxxax. Ghalhekk kienet erroneja l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti li dak il-hin “il-vizibilita` ma kinitx tajba hafna” u li “kienet qieghda traxxax u allura t-triq tkun aktar tizloq mis-soltu”; (3) li fil-kaz odjern ma sehh ebda att volontarju da parti ta’ l-appellant u lanqas ma kien hemm xi ommissjoni da parti tieghu – *nullum crimen est in casu*; (4) li, minghajr pregudizzju, galadarba l-appellant insab hati a tenur ta’ l-artikolu 15(1)(A) [*recte:* 15(1)(a)] tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-multa nflitta tizboq dik permissibbli; (5) li s-sospensjoni tal-licenzja ma setghetx tigi mposta ghax ma ntalbitx mill-prosekuzzjoni; (6) li l-appellant huwa *a first time offender* u ghalhekk il-piena nflitta setghet kienet aktar miti.
Kwantu ghall-ewwel aggravju jrid jigi osservat l-ewwelnett illi l-element intenzjonali rikjest f’kaz ta’ traskuragni hu n-nuqqas tal-persuna li jipprevedi dak li huwa prevedibbli. L-ewwel Qorti qieset li kienet tirrizulta t-traskuragni peress illi l-appellant kien qieghed isuq bejn is-60 u l-65 k.f.s., il-vizibilita` ma kinitx tajba u kienet qed traxxax ix-xita u t-triq kienet aktar tizloq mis-soltu.

Issa, mill-provi li semghet din il-Qorti u mill-affidavit ta’ P.S. 1492 J. Pace minn imkien ma jirrizulta li l-vizibilita` ma kinitx tajba. Mill-banda l-ohra jirrizulta li t-triq kienet imxarrba stante li Alan Curry xehed li kienet ix-xita filwaqt illi l-appellant xehed illi kienet ghadha kemm waqfet ix-xita. Jigifieri lanqas ma hu korrett dak li jinghad fir-rikors ta’ appell li hadd minnhom ma qal li kienet ghadha niezla x-xita jew traxxax. Mela, kuntrarjament ghal dak li l-appellant donnu ried jaghti x’jifhem fir-rikors ta’ appell li l-art ma kinitx imxarrba, effettivament kienet imxarrba u meta l-art tkun hekk imxarrba normalment tkun xi ftit jew wisq tizloq u ghalhekk is-sewwieq irid isuq aktar bil-galbu. Issa, quddiem din il-Qorti ma ntqal xejn dwar il-velocita` li kien ghaddej biha l-appellant, izda fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li rrizultalha li l-appellant kien qed isuq bejn is-60 u l-65 k.f.s. Qalet ukoll li *“ghalkemm fit-triq fejn sehh l-incident il-velocita` massima tilhaq sa sebghin kilometru (70 km) fis-siegha … l-imputat dakinhar kellu juza d-diligenza akbar u joqghod aktar attent stante l-hin u*

*l-kundizzjonjiet tat-temp."* Issa, ghalkemm Alan Curry jghid illi wara li l-karozza laqtitu din waqfet xi mitejn jarda warajh, ma hemmx prova ta' dan peress illi l-Pulizija ma esebewx skizz. Imbaghad, ghalkemm Alan Curry jallega li l-appellant kien fis-sakra, fl-okkorrenza taghhom il-Pulizija nnutaw li: *"To the Police opinion the other driver Mr Bernard had no smell of alcohol and was reacting normally"*. Mela x'wassal biex l-appellant, kif jammetti hu stess, jinvadi l-kareggjata opposta?

L-appellant fix-xiehda tieghu qal li kien qieghed idur il-kurva meta tilef il-kontroll tan-naha ta' wara tal-karozza, ipprova jikkorregi u jzomm il-karozza fuq in-naha tieghu izda *"it started to spin off"* u habat mal-karozza misjuqa minn Alan Curry. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan huwa kaz klassiku ta' *"skid"* u difatti fl-affidavit ta' P.S. 1492 J. Pace jinghad li meta kellem lill-appellant, dan qallu li tilef il-kontroll tal-vettura wara li skiddja.

Kif intqal, fil-kaz in ezami l-appellant qed iqajjem id-difiza tal-"casus" kagjonata minn skiddjar tal-vettura tieghu. Gie ritenut appropositu minn din il-Qorti diversament presjeduta f'**Il-Pulizija v. Carmel Cachia** (Vol. XXXVII.iv.920) li:

**"F'materja ta' *'skidding'* il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan. L-i*skid* wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta, allura hemm ir-responsabbilta` nonostante l-'i*skid*'. Jekk ma tirrizultax, allura l-'i*skid*' hija *'a good defence'* ghax tkun *'inevitable accident'*. Ghaldaqstant biex tirnexxi d-difiza tal-'i*skid*', jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-'i*skid*' dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-'i*skid*' saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-'i*skid*' *sic et simpliciter*, imma jipprova ukoll li l-'i*skid*' saret bla ebda htija tieghu, izda accidentalment b'mod li l-vettura, bla htija tieghu u accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija**

**eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali."**

Gie ukoll ritenut minn din il-Qorti fl-Appell **Il-Pulizija v. J. Cost Chritien** (Vol. XXXVII.iv.873) li:

**"meta tissucciedi kollizzjoni minhabba li wahda mill-karozzi tkun skiddjat, id-driver tal-karozza li skiddjat huwa responsabbli jekk ma gharafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-skiddjar meta kellu z-zmien biex jaghmel dan u hu aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li tipprovoka l-aggravament ta' l-iskiddjar. Ghax l-imperizja fis-sewqan bhas-sewqan hazin hija htija."**

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-provi juru li l-incident gara minhabba *skid* rizultanti mill-kondizzjoni mxarrba ta' l-art. Izda seta' jigi evitat dan l-*iskid*? Seta' jigi previst? L-appellant isostni li dan kien kaz ta' *casus* ghax huwa ghamel dak kollu li seta' biex jevita l-impatt. Izda huwa kellu jaghmel dak kollu li seta' minn qabel l-i*skid*, u dan billi jnaqqas il-velocita` qabel ma jigi biex jimmanuvra l-kurva. Dan m'ghamlux – zgur li kieku l-appellant ha din il-prekawzjoni, kien jghid li ha tali prekawzjoni. Barra minn hekk ma jirrizultax illi l-i*skid* gara minhabba xi difett fil-vettura li kien qieghed isuq l-appellant. Konsegwentement l-ewwel Qorti korrettement sabet htija dwar l-ewwel imputazzjoni.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Hawn ghandu ragun. L-ewwel Qorti mponiet piena ta' multa ta' sitt mitt euro (€600) li hija oghla minn dik preskritta mil-ligi. Difatti min jinsab hati ta' reat kontemplat fl-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta jehel *"il-piena tal-multa ta' mhux izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur."* Ic-cirkostanzi tal-kaz juru li dan kien kaz sfortunat fejn jirrizulta li nonostante l-imprudenza precedenti, l-appellant xorta ghamel li seta' biex jipprova jevita l-incident. Barra minn hekk l-appellant ghandu fedina penali kompletament

netta. Ghalhekk huwa l-kaz li din il-Qorti tittratta ma’ l-appellant differentement.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta’ multa ta’ sitt mitt euro (€600) u minflok a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien tliet xhur millum u tikkonfermaha fil-bqija, b’dan li l-perijodu ta’ sospensjoni jibda jiddekorri minn nofs-il lejl tallum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------